FIL-QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF .

ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A. , LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS , 9 TA' MEJJU, 2002.

APPELL NRU. 26/2002

IL-PULIZIJA.

(SPETTUR SANDRO GATT )

VS.

CHARLES MUSCAT .

Il-Qorti ,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-3 ta' Settembru, 1999 talli f' dawn l-Gzejjer , fit-28 ta' Lulju, 1999 u matul dawn l-ahhar tlitt snin :-

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar l-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 , ghall-kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. kif ukoll kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew l-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba u sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura , jew li jforni id-droga imsemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu id-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li id-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provvdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta , liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu .

Bit-talba tal-Prosekuzzjoni li l-Qorti minnbarra l-piena stabilita mill-ligi tordna lill-appellant ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' esperti skond l-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Jannar, 2002 , li biha sabet lill-appellant hati skond l-akkuzi u , wara li rat l-artikolu 17 tal-Kap.9 u r-Regolamenti 4 u 8 tal-G.N. 292/.39 u l-art. 22(2) (B)(I) tal-Kap. 101 , ikkundannatu ghall-piena ta'

prigunerija ghal zmien ghoxrin xahar u multa  ta' hames mitt lira Maltin (LM500) u ulterjorment ikkunndannatu  ihallas is-somma ta' LM34.50c spejjez tad-dok. MM u ordnat il-konfiska tad-dokument SG2  u awtorizzat lill-istess appellant  jirtira mir-Registru ta' dik il-Qorti id-dokument SG4 stante li ma giex pruvat li dan ic-cellulari intuza fil-kommissjoni tar-reat in parola u in fine ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li kien gie nominat espert ghal dan l-iskop.

Rat ir-rikors tal-appell ipprezentat mill-appellant  fis-6 ta' Frar, 2002.  fejn talab li din il-Qorti joghogobha tbiddel s-sentenza appellata tal-25 ta' Jannar, 2002 ,billi , minnflok il-piena inflitta, taghti piena ohra li jidhrilha xierqa u opportuna , skond il-ligi , fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat illi l-aggravi tal-appellant fil-qosor jikkonsistu filli  hu kellu 24 sena meta kkometta dawn ir-reati , eta' zghira ghal min ikun mahkum mill-vizzju tad-droga kif kien l-appellant meta beda jpejjep il-cannabis mill-eta' ta' 16 il-sena ; li il-fatt li kien jahdem ma jfissirx li kellu bizzejjed flus  ghal vizzju tieghu u li ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex tadduci dan bhala argument kontra l-appellant , li hu ghandu background edukattiv tajjeb u qatt ma holoq prblemi lill-ghalliema u l-ġenituri tieghu u ghalhekk mhux ser johloq aktar problemi lis-socjeta' ; il-hajja lavorattiva tal-appellant tindika li mhux bniedem ghazzien u ghalhekk is-socjeta' ghandha assikurazzjoni li l-appellant ser ikompli jghix bil-hidma tieghu ; li il-hajja emottiva u amoruza ta' l-appellant tindika relazzjoni ma persuna wahda u hemm hsieb ghaz-zwieg ma dil-persuna; li l-appellant trabba gewwa familja stabbli u kien anki jghin lil missieru fix-xoghol tieghu ; li is-social worker tas-SEDQA ikkonfermat li l-appellant wera hegga kbira sabiex jibqa' fit-triq it-tajba kif ukoll konfermat mill-probation officer li issuggeriet l-inqas piena possibbli li tista' tinghata  u li l-appellant ghandu xoghol fiss bhala Manager fit-Tower Complex f'Tas-Sliema.

Semghet ix-xhieda  tas-social worker  tas-SEDQA Josette Grech ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur .

Ikkunsidrat ,

Illi dan hu appell limitat ghall-piena inflitta mill-ewwel Qorti u kif gie ritenut minn din il-Qorti anki diversament preseduta,  din il-Qorti ma ghandhix tiddisturba id-diskrezjoni tal-ewwel Qorti sakemm il-piena  tkun taqa' entro il-parametri dettati mill-ligi u ma tkunx manifestament sproporzjonata . Inoltre din il-Qorti  specjalment f'kazijiet bhal dawn  relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mall-aspett punittiv u ta' deterrent  ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita' tant nociva ghas-socjeta' bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga , partikolarment fost persuni ta' eta' tenera , fenomenu dan  li ta' kull jum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta' u bir-ragun jikkreja allarm socjali li  jesigi li min jinstab hati ta'  eghmil simili  jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena .

Illi l-ewwel Qorti  fis-sentenza appellata qieset bir-reqqa kollha l-elementi pozittivi fil-karattru u l-imgieba aktar recenti tal-appellant u tathom il-piz  li jixirqilhom . Tant li in mitigazzjoni tal-piena l-ewwel Qorti semmiet li kienet qieset  il-fedina penali netta tal-appellant, il-ko-operazzjoni tieghu mall-Pulizija; il-fatt li kien dipendenti fuq id-droga fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat ; u r-rapport favorevoli  tal-probation officer Carmen Nygard kif ukoll tas-social worker Josette Camilleri .

Mill-banda l-ohra l-ewwel Qorti bir-ragun kellha tqis ukoll - kif qieset - il-fatt tal-gravita' tar-reati in dizamina  u l-hsara li dawn jikagunaw lill-membri ohra tas-socjeta' specjalment trattandosi ta' "hard drug"  eroina , il-fatt li mill-istqarrija tal-appellant hu ammess li hu kien biegh diversi pakketti jew qratas ta' eroina u li ghalkemm dan ghamlu biex izomm il-vizzju tieghu  hu kellu impieg  regolari u ma kellux ghalfejn jirrikorri ghall-ipprokurar  ta' droga  u jimbarka fuq negozju ta din ix-xorta , sia pure li dan in-negozju ma kienx "on a grand scale" .  L-ewwel Qorti ukoll qieset  li hija kellha d-dover u l-obbligu li thares mhux biss l-interess tal-imputat appellant imma ukoll u primarjament , l-interessi tas-socjeta' partikolarment f'reati serji bhal dawk in disamina, veduta li din il-Qorti tikkondividi pjenament .

Ikkunsidrat

li ma hemmx dubju li il-piena ta' ghoxrin xahar prigunerija taqa' pjenament entro il-parametri tal-ligi ghall-htija riskontrata mill-ewwel Qorti fl-appellant , fejn il-piena massima stabilita mill-ligi hija ferm u ferm oghola minn dik li ghaliha gie kundannat l-appellant .

Illi lanqas ma jista' jinghid li din il-piena kienet wahda sproporzjonata , tenut kont ta' sentenzi li inghataw ghall-reati simili mill-ewwel Qorti f'dawn l-ahhar zminijiet u anki gew konfermati minn din il-Qorti ;

Umbaghad l-aggravji tal-appellant li hu gej minn background ta' familja stabbli, ghandu edukazzjoni tajba u minn dejjem hadem , ma ghandhomx jaghtuh xi vantagg jew privilegg fuq persuni ohra li gew misjuba hatja ta' reati simili u li ma kellhomx ix-xorti li jkollhom dawn il-vantaggi fil-hajja. Jekk xejn, fil-fehma ta' din il-Qorti , dawn huma fatturi li juru li l-appellant hela' dan il-vantagg li kellu fil-hajja u , ghall-kapricc jew ghall-vizzju , deherlu li xorta wahda ghandu jintefa' fil-hajja tad-droga u sahansitra imbarka bl-attivita' tal-ispaccar u ipprokurar ta' droga a skapitu ta' terzi . Il-fatt li hu ghandu relazzjoni stabbli ma persuna wahda b'fini ta' zwieg imissu irrendieh aktar responsabbli u jmissu qies il-konsegwenzi pjetuzi li ser issofri din il-persuna bhala konsegwenza tal-attivita' kriminali tieghu . F'kul kaz relazzjoni simili ma hix xi penz fuq spallejn l-appellant ghax din hija min-natura tal-hajja tal-bniedem u mhux xi haga straordinarjament tajba. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-probation officer u s-social worker gja ittiehdu in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti u gew moghtija il-piz li jixirqilhom li zgur , ghalkemm jista' jkun importanti f'certi kazi , ma hux determinanti f'kazijiet bhal dawn fejn hemm element ta' allarm socjali qawwi kontra din it-tip ta' attivita' kriminali , allarm li hu dover tal-Qrati li jikkonsidraw .

Mill-banda l-ohra din il-Qorti tifhem u tapprezza il-preokkupazzjoni genwina li uriet is-social worker Josette Camilleri li is-sentenza ta'habs tista ' tfixkel ir-riabilitazzjoni tal-appellant fit-tbieghid tieghu mill-vizzju tad-droga u ghalhekk qed taghmel ir-rakkomandazzjoni infraskritta .

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi , din il-Qorti ma issibx raguni ghala ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena inflitta fuq l-appellant u ghalhekk l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata qed tigi konfermata. Il-Qorti pero' tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs Civili li jestendi lill-appellant kull facilita' disponibbli ezistenti , biex dan ikun jista' jiehu kull trattament mehtieg waqt li jkun il-habs biex johrog mill-vizzju tad-droga u okkorrendo billi jithalla jippartecipa f'kull programm ta'kura jew terapija intiz u organizzat bil-ghan li jilhaq dan l-iskop , kif ukoll li jestendi ghas-social workers kull facilita' biex isegwu il-progress tal-appellant ghaz-zmien kollu li jkun il-habs .

(ft) J. G. Galea Debono.

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
9..5.02